Mill-President
Henry B. Eyring
L-Ewwel Kunsillier fl-Ewwel Presidenza



Servizz u Ħajja Eterna

Is-Salvatur huwa l-eżempju tagħna ta'servizz altruwista. Il-Ħajja perfetta Tiegħu ddedikaha biex jaqdi lil Missierna tas-Smewwiet u lil ulied Missierna kollha. L-għan komuni tal-Missier u tal-Iben hu li jagħtina lkoll ir-rigal tal-immortalità u l-barka tal-ħajja eterna (ara Moses 1:39).

Biex inkunu nistgħu nikkwalifikaw għall-ħajja eterna, għandna bżonn ninbidlu permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu—nitwieldu mill-ġdid u nitnaddfu mid-dnub. Madankollu, it-tfal żgħar taħt it-tmien snin huma mingħajr dnub u jiġu mifdijin permezz tal-Att tal-Fidwa (ara Mosiah 3:16, 21; Moroni 8:10–12).

Għalina lkoll li nilħqu l-età li tagħmilna responsabbli minn għemilna, hemm pjan meraviljuż li jagħtina ċ-ċans li nitnaddfu mid-dnub u nħejju ruħna għall-ħajja eterna. Din it-tħejjija tibda permezz tal-magħmudija minn min għandu l-awtorità tas-saċerdozju u bl-għoti tal-Ispirtu s-Santu. Imbagħad għandna dejjem niftakru fis-Salvatur u nżommu l-kmandamenti li Huwa tana.

Is-Sultan Benjamin kellem lin-nies tiegħu fil-Ktieb ta' Mormon dwar il-ferħ li nirċievu meta nħossu li aħna ġejna maħfurin mid-dnub permezz tal-Att tal-Fidwa ta' Ġesù Kristu. Imbagħad huwa għallimhom li, sabiex jibqgħu jiksbu maħfra minn dnubiethom, huma għandhom jgħallmu lil uliedhom biex jaqdu lil xulxin u għandhom ikunu ġenerużi kemm jistgħu meta jiġu biex jgħinu lil dawk ta' madwarhom fil-bżonnijiet temporali u spiritwali tagħhom. (Ara Mosiah 4:11–16.)

Huwa għallimhom ukoll, "U araw, jiena ngħidilkom dan kollu sabiex tiksbu l-għerf; sabiex tkunu tafu li meta intom tkunu qed taqdu lil għajrkom intom fil-fatt tkunu qed taqdu lil Alla tagħkom" (Mosiah 2:17).

Ġesù għadda ħajtu jgħallem l-evanġelju u jagħmel il-ġid (ara Atti 10:38). Huwa fejjaq lill-morda. Huwa qajjem lill-mejtin. Bil-qawwa Tiegħu Huwa tama' eluf ta' nies meta huma kienu bil-ġuħ u mingħajr ikel (ara Mattew 14:14–21; Ġwanni 6:2–13). Wara l-qawmien Tiegħu millimwiet Huwa ta jieklu lil bosta Appostli minn Tiegħu meta dawn reġgħu lura lejn ix-xatt tal-Baħar tal-Galilija (ara Ġwanni 21:12–13). Fil-kontinent Amerikan, Huwa fejjaq lill-morda u bierek lit-tfal, wieħed wieħed (ara 3 Nephi 17:7–9, 21).

Ġakbu l-Appostlu għallimna kif ix-xewqa li naqdu lil ħaddieħor tiġi mill-gratitudni tagħna għal dak li għamel għalina l-Mulej:

"Imma dak li jgħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-ħelsien, u jżomm sħiħ magħha, u ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda wieħed li jagħmilha, huwa hieni dan fl-għemil tiegħu. . . .

"Quddiem Alla u l-Missier, ir-reliġjon pura u bla tebgħa hija din, Iżżur l-iltiema u r-romol fl-hemm tagħhom, u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-dinja" (Ġakbu 1:25, 27).

Xi ħaġa li tkebbes fik ċertezza li qed tippurifika ruħek

hi meta inti tħoss xewqa dejjem tikber li taqdi lil ħaddieħor f'isem is-Salvatur. It-tagħlim tad-dar u t-tagħlim taż-żjajjar inti tibda tħares lejh bħala xi ħaġa ta' ferħ u mhux xi biċċa xogħol li ġejt mitlub twettaqha. Tispiċċa tibda toffri aktar spiss l-għajnuna volontarja tiegħek fl-iskola lokali jew tibda tgħin aktar lil dawk li huma foqra fil-komunità fejn inti tgħix. Avolja ma tantx għandek flus x'tagħti lil dawk li għandhom anqas minnek, tkun tixtieq li għandek iżjed biex tkun tista' tagħti iżjed (ara Mosiah 4:24). Tinbet ġewwa fik xewqa akbar li taqdi lil uliedek u turihom kif jaqdu lil ħaddieħor.

Hekk kif in-natura tiegħek tinbidel, inti tħoss ix-xewqa li toffri servizz akbar mingħajr ma tistenna lura ebda rikonoxximent. Jiena naf dixxipli tas-Salvatur li taw somom kbar ta' flus u offrew is-servizz tagħhom b' determinazzjoni li ħadd ħlief Alla u ħlief uliedhom ma jkunu jafu x'għamlu. Alla għaraf is-servizz tagħhom billi berikhom f' din il-ħajja, u Huwa jberikhom fil-ħajja eterna li għad trid tiġi (ara Mattew 6:1–4; 3 Nephi 13:1–4).

Hekk kif inti obdejt il-kmandament li taqdi lil ħaddieħor (ara Mattew 22:39), inti ħassejt bidla fis-sentimenti ta' kburija tiegħek. Is-Salvatur ikkoreġa lill-Appostli Tiegħu meta huma bdew jargumentaw bejniethom dwar min kien l-akbar fosthom. Huwa qal:

"Tħallux min isejħilkom mexxejja, għax il-mexxej tagħkom wieħed hu, il-Messija.

"Il-kbir fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom" (Mattew 23:10–11).

Is-Salvatur jgħallimna kif nistgħu nitgħallmu naqdu lil xulxin. Huwa qeda lill-oħrajn b' mod perfett, u aħna għandna nitgħallmu naqdu lil ħaddieħor kif tgħallem Hu—pass,pass (ara D&C 93:12–13). Permezz tas-servizz li nagħtu, aħna nistgħu nsiru bħalu. Nitolbu bil-qawwa kollha f'qalbna li nħobbu l-għedewwa tagħna kif ħabbhom Hu (ara Mattew 5:43–44; Moroni 7:48). Finalment aħna mbagħad inkunu nistgħu nikkwalifikaw għall-ħajja eterna Miegħu u ma' Missierna tas-Smewwiet.

Jiena nwiegħed li aħna nkunu kapaċi naqdu b' perfezzjoni akbar hekk kif aħna nimxu wara t-tagħlim u l-eżempju tas-Salvatur.

TAGĦLIM MINN DAN IL-MESSAĠĠ

Il-Presbiteru M. Russell Ballard tal-Kworum tat-Tnax-il Appostlu ħeġġiġna sabiex nitolbu ħalli jkollna opportunitajiet fejn nistgħu naqdu lil ħaddieħor. "Fit-talb tiegħek kull filgħodu, itlob lill-Missier tas-Smewwiet sabiex jiggwidak ħalli tagħraf l-opportunitajiet li jkollok quddiemek li taqdi l-ulied prezzjużi tiegħu. Imbagħad għaddi l-jum . . . fittex lil xi ħadd biex tgħin" ("Be Anxiously Engaged," *Ensign* jew *Liahona,* Nov. 2012, 31). Ikkunsidra li tistieden lil dawk li inti tgħallem sabiex jagħmlu riżoluzzjoni li kull filgħodu jitolbu sabiex huma jkollhom quddiemhom opportunitajiet li jaqdu lil ħaddieħor u jfittxu dawn l-opportunitajiet matul dak il-jum.

ŻGĦAŻAGĦ

Tweġiba għal Talbha

Minn Siphilile Khumalo

Lejla waħda ġiet iżżurni ħabiba ta' reliġjon differenti. Normalment jiena noqgħod nistudja l-iskrittura waħdi, u dik il-lejla kont diġà ħriġtha biex nibda nistudjaha. Ħassejt xi ħaġa tgħidli li kelli nistedinha sabiex tistudja l-iskrittura miegħi, iżda bżajt u minflok bdejt nistudja waħdi. Kont naf li jien kont injorajt dak li kien issuġġerieli l-Ispirtu. Wara ftit minuti, b'ċerta kawtela, staqsejtha, "Trid tistudja l-iskrittura miegħi?" Mingħajr ma qagħdet taħsibha ħabibti wieġbet, "Iva."

Imbagħad bdejna naqraw mill-Ktieb ta' Mormon. Hija staqietni xi mistoqsijiet, u hekk kif weġibtha, jiena stajt inħoss l-Ispirtu jiggwidani. Jiena qsamt it-testimonjanza tiegħi dwar il-verità tal-Ktieb ta'Mormon. Wara li għamilt dan, hija qaltli, "Ili ġurnata sħiħa beżgħana u nibki waħdi. Meta inti tlabtni sabiex naqra l-iskrittura miegħek kont għadni kif tlabt l'Alla jgħinni. Issa nħossni ferm aħjar. Grazzi."

Il-Mulej użani bħala strument biex Huwa jwieġeb talba u jaqdi waħda minn uliedu li kienet fil-bżonn. Jiena naf li dawn is-suġġerimenti huma struzzjonijiet divini minn Missier għaqli u glorjuż. Meta nħallu fil-ġenb il-biżgħat tagħna, aħna nkunu qed nagħtuh ċans juri l-qawwa Tiegħu permezz tal-ubbidjenza tagħna.

L-awtriċi tgħix f'Gauteng, l-Afrika t'Isfel.

TFAL

Fittxu Opportunitajiet biex Isservu

Intom tistgħu tagħżlu li timxu wara Ġesù Kristu u taqdu lil ħaddieħor. Pinġi stampa tiegħek innifsek qed taqdi xi membru tal-familja jew xi ħabib u poġġi l-istampa f'post ħalli meta tħares lejha tfakkrek kuljum li għandek tħenn.

© 2014 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/13. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/13. Traduzzjoni ta'*First Presidency Message, March 2014*. Maltese. 10863 159

Il-Missjoni Divina ta' Ġesù Kristu: Id-Dawl tad-Dinja

Fidi, Familja, Għajnuna

Bl-għajnuna tat-talb studja dan il-materjal u fittex sabiex tkun taf x' għandek taqsam ma' ħutek. Kif jista' l-għarfien tiegħek tal-ħajja u tal-missjoni tas-Salvatur jgħinek tkabbar il-fidi tiegħek fih u tbierek lil dawk li int responsabbli minnhom permezz tat-tagħlim taż-żjajjar? "Għal aktar informazzjoni, żuru **reliefsociety.lds.org**.

Dan huwa parti minn serje ta' Messaġġi tal-Għalliema taż-Żjajjar li jitrattaw aspetti mill-missjoni tas-Salvatur.

Hekk kif nibdew nifhmu li Ġesù Kristu huwa d-Dawl tad-Dinja, aħna nkabbru l-fidi tagħna fih u nsiru dawl għal ħaddieħor. Kristu xehed dwar l-irwol Tiegħu bħala "il-vera dawl li jdawwal lil kull bniedem li jiġi fid-dinja" (D&C 93:2) u talab li aħna "nżommu fil-għoli d-dawl [Tiegħu] ħalli jkun jista' jdawwal id-dinja" (3 Nephi 18:24).

Il-profeti tagħna xehdu wkoll dwar id-Dawl ta' Kristu. Il-President Henry B. Eyring, l-Ewwel Kunsillier fl-Ewwel Presidenza, qal hekk: "Kull darba li tagħżlu sabiex tippruvaw tgħixu bħas-Salvatur, intom issaħħu t-testimonjanza tagħkom. Taslu f'punt li intom stess ssiru tafu li Huwa verament id-Dawl tad-Dinja. . . . Intom tirriflettu d-Dawl ta' Kristu f' ħajjitkom fuq ħaddieħor."[1]

Il-Presbiteru Quentin L. Dwar l-importanza li aħna nkunu dawl lid-dinja, Cook tal-Kworum tat-Tnax-il Appostlu qal dan: "Irridu nipproteġu lill-familji tagħna u nkunu fuq quddiem nett, flimkien man-nies kollha ta' rieda tajba, li nagħmlu dak kollu li nistgħu sabiex nippreservaw id-dawl, it-tama u l-moralità fil-komunitajiet tagħna."[2]

Mill-Iskrittura

Ġwanni 8:12; Doctrine and Covenants 50:24; 115:5

Mill-Istorja Tagħna

Illum in-nisa Qaddisin tal-Aħħar Jiem qed ikomplu jżommu fil-għoli id-dawl tagħhom.

Fit-80 sular ta' bini ferm għoli ġewwa Hong Kong, iċ-Ċina, waħda minn ħutna, mara single b' diżabiltà fiżika—l-unika Qaddisa tal-Aħħar Jiem fil-familja tagħha—għamlet minn darha refuġju li fih kemm hi kif ukoll dawk li jżuruha jħossu l-influwenza tal-Ispirtu. Hija kienet iż-żomm l-iskrittura tagħha, il-manwali tagħha tas-Soċjetà tal-Għajnuna u l-ktieb tal-innijiet tagħha dejjem fejn tkun tista' tilħaqhom. Hija marret it-tempju biex twettaq l-ordinanzi għall-antenati tagħha.[3]

Ġewwa l-Brażil, waħda omm twajba rabbiet lil uliedha fid-dawl tal-evanġelju. L-għanjiet tal-Primarja jidwu madwar id-dar tagħha mibnija minn briks aħmar, u l-ħitan mimlijin stampi mil- *Liahona* ta' tempji, profeti ta' Alla u tas-Salvatur. Hi u żewġha ssagrifikaw ferm sabiex ġew issiġillati ġewwa t-tempju ħalli wliedhom jkunu jistgħu jitwieldu fil-patt. It-talba kostanti tagħha kienet li l-Mulej jgħinha trabbi lil uliedha fid-dawl, fil-verità u fil-qawwa tal-evanġelju.[4]

NOTI

1. Henry B. Eyring, "A Living Testimony," *Ensign* jew *Liahona,* Mejju 2011, 128.
2. Quentin L. Cook, "Let There Be Light!" *Ensign* jew *Liahona,* Nov. 2010, 30.
3. Ara *Daughters in My Kingdom: The History and Work of Relief Society* (2011), 163–64.
4. Ara *Daughters in My Kingdom,* 164.

X' Nista' Nagħmel?

1. Iddiskuti x' ifisser li llum inti tkun dawl tad-dinja.

2. Xtarr dwar kif meta inti timxi wara d-dawl ta' Kristu inti ssib għajnuna sabiex tiffaċċja l-isfidi tiegħek fil-ħajja.

© 2014 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/13. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/13.
Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, March 2014.* Maltese. 10863 159